biex ma jmutu qatt aktar. Il-personaġġi l-kbar tal-letteratura jirċievu l-glorja tagħhom wara mewthom. Il-poeżija hija l-mera u l-immaġini tal-poeta stess u għalhekk ix-xogħol poetiku tiegħu sar kif dejjem xtaq hu stess *''monumentum aere perennius.''* [9]

9. ''Kelmtejn Qabel'', *Nirien*, Malta, G. Muscat, 1938, p. 6.

Membru ta' l-Għaqda Kulturali Siġġiewi. Is-Sur Vassallo jidher bil-qiegħda fuq ix-xellug.





## Lil Karmenu Vassallo

*(Vivit post funera virtus)*

Il-lum il-Muża siktet
  U saret sehem mill-ġrajja.
L-id tal-Poeta mietet,
  'Mma l-għanja tibqa' ħajja.

Għax l-għanja kien tahielna
  Minflok li ħadha miegħu,
U b'rieda ħallihielna
  B'tifkira tal-qalb tiegħu.

Jien naf l'hu jibqa' magħna
  Fl-ispirtu tal-għajxien,
Għax dan il-ħabib tagħna
  Poeta tan-Nirien.

Dal-kompajżan jixraqlu
  Li jinsa kull uġigħ,
U li ħadd ma jisraqlu
  Il-jedd tas-sedq u l-ġieħ.

Hu kien u jibqa' għalija
  L-ewliemes f'kliem mirquma,
U vrusu bl-għerf mgħobbija
  Ma jkunu qatt mitmuma.

Kien jaf isaffi b'ħerqa
  Sisien grammatikali,
U jħaddem kliem bir-reqqa
  Ta' l-arti radikali.

Sejjaħlu ħdejH minn ħdejna
  Biex jibda ħajja ġdida,
Imbiegħed minn għajnejna,
  Mirfud minn kull theddida.

**_Manwel Nicholas-Borg_**
*L-Awstralja 1987*